**Media Release**
**13 ta' Frar 2008**

**It-tkabbir ta' Ewropa socjali se jkun element ewlieni ta' inizjattivi u hidma ghall-Partit Laburista**

**Dr Alfred Sant**

F'diskors li ghamel waqt attivita` tal-Forum Malta fl-Ewropa f'lukanda f'San Giljan, l-Mexxej Laburista u Kap ta' l-Oppozizzjoni Dr Alfred Sant tkellem dwar it-trattat ta' Lisbona li huwa wkoll msejjah it-trattat ta' riforma li bhalissa qed jigi ratifikat mill-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea. Dr Sant qal li dan it-trattat zviluppa mit-trattat kostituzzjonali ghall-Ewropa li kien gie prezentat ftit tas-snin ilu. Il-Partit Laburista kien ghamel diskussjoni wiesgha u dettaljata dwar dan it-trattat kostituzzjonali u b'vot sigriet id-delegati Laburisti f'Konferenza Generali kienu qablu li jirratifikawh b'maggoranza ta' 85%.

It-trattat ta' Lisbona ma johrogx barra mill-parametri tat-trattat kostituzzjonali u ghalhekk l-Partit Laburista kien ivvota favur ir-ratifikazzjoni tieghu fil-Parlament Malti. Meta thares lejn dan it-trattat mil-lat purament nazzjonali qal Dr Sant, il-vantagg tieghu ghal Malta huwa li jaghti lil pajjizna 6 membri parlamentari Ewropej minflok 5. It-trattat ta' Lisbona jissalvagwardja pozizzjonijiet essenzjali mnaqqxa fil-Kostituzzjoni Maltija. Ghalhekk m'hemm ebda problema biex it-trattat ta' riforma jkun ratifikat fil-Parlament. Barra minn dan it-trattat ta' Lisbona, qal Dr Sant, jipprovdi ghal amminisrazzjoni iktar efficjenti u trasparenti tal-hidma Ewropea fuq skala kontinenatli u ghalhekk titjib fuq il-qaghda prezenti.

Mill-lat wiesgha Ewropew it-trattat qed ihejji l-art ghal decizjonijiet fondamentali dwar 4 linji ta' sfida li qed tiffaccja l-Ewropa. Fuq quddiem nett il-holqien ta' Ewropa socjali fejn l-Ewropa trid tipprovdi inizjattivi u programmi li juru li hija rilevanti ghall-hajja tac-cittadini kollha. Dan ghandu jsir fuq livell ta' familji ndividwali lokali, regjonali u livelli nazzjonali.

Fl-edukazzjoni, qasam li l-Partit Laburista se jkun qed jaghtih mill-gvern importanza essenzjali, jehtieg li jkun hemm inizjattivi li jghaqqdu flimkien lill-Ewropej biex itejbu l-kwalita` tat-taghlim tat-tfal, sahaq Dr sant. Fil-qasam tal-holqien ta' l-impjiegi hemm bzonn ta' inizjattivi li jippromwovu kundizzjonijiet u opportunitajiet ahjar ta' xoghol fl-qosma li jvarjaw minn dawk ta' teknologija gholja ghal dawk ta' teknologija tradizzjonali. Fil-qasam ta' l-ambjent l-Ewropa trid tipprovdi linji ta' gwida li jkunu adatti ghal kundizzjonijiet ekonomici u socjali li qed jinbidlu u li jkunu wkoll jirrispondu ghal cirkostanzi partikolari taz-zoni differenti taghha. It-tkabbir ta' Ewropa socjali se jkun ghall-Partit Laburista fi hdan il-Grupp Socjalista Ewropew, element ewlieni ta' inizjattivi u hidma ghal solidarjeta ikbar Ewropea.

It-tieni sfida qawwija li l-Ewropa trid tiffaccja taht il-kundizzjonijiet issetjati fit-trattat ta' Lisbona huma fil-qasam tal-politika ekonomika. Fuq quddiem nett trid tinghata twegiba ghal ghazla kbira li qed tiffaccja l-ekonomija Ewropea kollha. "Lil x'hiex se jaghtu l-iktar importanza, lill-htiega li tigi kkontrollata l-gholi tal-hajja, jew lill-htiega li l-ekonomiji jkabbru r-rankatura taghhom tat-tkabbir ?", staqsa Dr Sant. Fl-ahhar snin it-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa ma kienx bizzejjed sodisfacenti. L-Ewropa forsi ghadha mhiex turi ruhha flessibbli bizzejjed biex tinkoragixxi tkabbir ekonomiku quddiem theddida ta' ricessjoni ekonomika li qed tizdied daqskemm qed turi ruhha s-sistema governattiva Amerikana.

It-tielet sfida li l-Ewropa trid tiffaccja fil-kundizzjonijiet godda ssetjati mit-trattat ta' Lisbona qal Dr Sant, tohrog mill-pozizzjoni li l-UE ghandha tadotta quddiem il-firxa ta' globalizazzjoni. F'din il-perspettiva jrid ikun hemm tifsila iktar razzjonali tal-politika u relazzjonijiet bejn l-Ewropa u l-blokki ekonomici ta' l-Istati Uniti, l-Indja u c-Cina fost ohrajn. Fit-tieni post, fil-qafas tal-globalizazzjoni jrid ikun hemm politika Ewropea iktar razzjonali, fil-qasam ta' l-immigrazzjoni. Minn naha hemm bzonn ta' iktar mano d'opera minn certi ekonomiji Ewropej waqt li minn naha l-ohra immigrazzjoni minn barra l-Ewropa tohloq tensjonijiet etnici, kulturali u socjali. Dawn huma dilemmi li jridu jigu mahlula b'mod li jissodisfa l-interessi tal-pajjizi membri kollha.

Fl-ahhar nett fil-qasam tal-politika barranija hemm htiega li fil-qafas ta' dak li jappartjeni ghall-UE taht it-trattat ta' Lisbona, certi alleneamenti krucjali jibdew isir iktar cari. Bhal per ezempju x'ghandha tkun ir-rabta bejn l-UE u r-Russja fejn din ta' l-ahhar titqies u tigi accettata bhala potenza Ewropea mondjali, u bhal per ezempju dwar l-izviluppi lejn Unjoni Meditterranja fejn hidma halli titwaqqaf unjoni bhal din, tista tkun kontra piz ghal hidma ghal iktar shubija ma' pajjizi fil-Lvant ta' l-Ewropa. Dan ghandu jorbot ukoll ma' prezenza diplomatika iktar sinifikattiva Ewropea fil-qafas tal-krizi tal-Lvant Nofsani, qal Dr Sant

Kollox ma' kollox l-oggettiv ghandu jkun dak li f'kull ma tghamel biex tilqa' ghall-isfidi li se jinqalghu hi u thaddem it-trattat ta' Lisbona, l-Unjoni Ewropea tfittex li f'kollox issir iktar qrib il-familji u l-komunitajiet. Dan jehtieg isir b'mod innovattiv u organiku u mhux b'mezzi burokratici li ma tantx qed jaslu 'l boghod, qal il-Mexxej Laburista.

**Ufficcju Informazzjoni**
**Partit Laburista**